**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer**

**Spettur Brian Xuereb)**

**vs.**

**Khaled Rami**

Illum is-6 ta' Jannar 2022

Il Qorti:

Rat li tressaq Khaled Rami iben Mohammed u Fatima, mwieled nhar it-08 t'Awissu 1995 gewwa Berkanou, gewwa l-Marokk, minghajr residenza fissa gewwa Malta, detentur tal-numru tal-Pulizija bin-numru 19QQ 004

1. Aakkużat talli fix-xahar ta' Lulju 2021, ġewwa Ħal Safi u f'dawn il-Gżejjer Maltin, ikkommetta ħarba semplici miċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Hal Safi ( Barracks) waqt li kien taħt il-kustodja ta' persuni inkarigati miz-żamma tagħhom.

U Akkuzat talli, b'diversi atti, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

2. Nhar l- 10 t' Awissu 2021, bejn nofs il-lejl u t-tlieta ta' filghodu (00:00hrs-03:00hrs), ġewwa appartament numru 11, Villa Gardenia, Triq l-Ilqugh, Swieqi, u/jew ġewwa il viċinanzi, għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor u li sar għad-dannu ta' Dimitri Jean Dubuisson u/jew ta' xi persuna/i oħra;

3. Bejn l-10 t'Awwissu 2021 ghal-habta tat-tmienja ta' filghodu (08:00hrs) t-18 t'Awwissu 2021 ghal-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (19:30hrs, ġewwa 82, Apt 6, Triq is-Sirk, Swieqi, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Michael Parlato Trigona u/jew ta' xi persuna/i oħra;

4. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

5. Nhar it- 28 t' Awwissu 2021, bejn it-tlieta ta' filgħodu w l-erbgha ta' filgħodu (03:00hrs-04:00hrs), ġewwa fond numru 78, imsemmi

"Kaua'i", Triq id- Dris, Swieqi, offendejt il-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku;

6. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

7. Fis- 07 t'Ottubru, 2021, bejn l-erbgha w nofs ta' filgħodu u s- sitta ta' filghodu (04:30hrs – 06:00hrs) ġewwa r-residenzi bl-isem ta' Falling Waters u Aloha, Triq Josef Kalleya, Swieqi u/jew ġewwa il viċinanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li tisraq lil Rueben Grech u Mark Bencini, u wera dan il-ħsieb b`atti esterni u ta' bidu għall- esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema attentat ta' serq hu aggravat bil-hin, bil-mezz, u li sar għad-dannu ta' Rueben Grech u/jew ta' xi persuna/i oħra;

8. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

9. Nhar it- 08 t' Ottubru 2021, bejn l-erbgha u –sitta ta' filghodu (04:00hrs-06:00hrs), ġewwa fond numru Blk 29, Flat 42, Vjal Portomaso, San Giljan, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' apparat eletroniku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin

ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Thamer M N T A Alkhamis u/jew ta' xi persuna/i oħra;

10. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

11. Nhar l-20 ta' Novembru 2021, bejn is-saghtejn u l-erbgha ta' filghodu (02:00hrs-04:00hrs), ġewwa fond numru 84, Triq Patri Indri Vella, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' arloggi u apparat eletroniku u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Mark Anthony Crocker u/jew ta' xi persuna/i oħra;

12. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

13. Bejn it-22 ta' Novembru 2021 ghal-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (19:30hrs) w t-23 ta'Novembru 2021 ghal-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu (08:30hrs), ġewwa 202, Adonai, Triq Tunis, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Yang Ping u/jew ta' xi persuna/i oħra;

14. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

15. Nhar it-23 ta' Novembru 2021, bejn il-hamsa w s-sebgha ta' filghodu (05:00hrs-07:00hrs), ġewwa fond numru Blk B3, Flat 3, Triq Pietro Rossel, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' arloggi u apparat eletroniku u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Marvin Agius u Amanda Agius u/jew ta' xi persuna/i oħra;

16. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

17. Nhar it-23 ta' Novembru 2021, bejn il-tlieta w l-hamsa ta' filghodu (03:00hrs-05:00hrs), ġewwa l-appartament numru 2, gewwa Spinola Court gewwa St. George's Park, San Giljan, bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li tisraq lil Monica Maria Ann Agius u Irina Alesandrova Orlova u/jew xi nies ohra, u wera dan il-ħsieb b`atti esterni u ta' bidu għall- esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema attentat ta' serq hu aggravat bil-hin u bil-mezz;

18. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

19. Nhar l-24 ta' Novembru 2021, bejn l-erbgha w s-sittata' filghodu (04:00hrs-06:00hrs), ġewwa fond numru 36, Triq il-Mediterran, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' arloggi u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Naseer Saed M Al Shara u/jew ta' xi persuna/i oħra;

20. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

21. Nhar is-07 ta' Diċembru 2021, bejn nofsilejl u s-sebgha ta' filghodu (00:00hrs-07:00hrs), ġewwa fond numru 129, Triq is-Swieqi, Swieqi u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus u affarijiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Mario Spiteri u Maria Luisa Spiteri u Amy Spiteri u/jew ta' xi persuna/i oħra;

22. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie

mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

23. Nhar 07 ta' Dicembru 2021, bejn nofsilejl u s-sebgha ta' filghodu (00:00hrs-07:00hrs), ġewwa l-blokka bl-isem ta' The Kalm, gewwa Triq il-Hawt. Swieqi, għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

24. Nhar it-13 ta' Dicembru 2021, bejn is-saghtejn u l-hamsa ta' filghodu (02:00hrs-05:00hrs), ġewwa fond numru 49, Triq il-Mediterran, San Gwann, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus u affarijiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Michelle Calleja u Christopher Calleja u/jew ta' xi persuna/i oħra;

25. Xjentement ilqajt għandek jew xtrajt ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li kien, indhalt biex tbiegħhom.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi nhar id-19 ta' Dicembru 2021 l-imputat iddikjara li kien hati u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha skont id-dettami tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat ghall- imputazzjonijiet kollha il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-istess-udjenza.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tad-19 ta' Dicembru 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- L-ammissjoni ta' l-imputat. L-imputat irregistra ammisssjoni fl-ewwel udjenza u fl-iktar stadju bikri qabel ma l-prosekuzzjoni kienet lahhqet ressqet xhieda u provi.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[2], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[3] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[4]

  Ghaldaqstant jista jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn din il-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet u tal-piena ssuggerita minnhom li ghandha tikkunsidra din il-Qorti.

- Il-fedina penali ta' l-imputat hija netta kemm ilu Malta dawn l-ahhar tlett snin.

- L-imputat wera rimors ta' l-agir tieghu hekk kif inhu indikat fl-istqarrija ta' l-imputat.

  *"Jiddispjacini hafna li ghamilt quddiem Alla u mhux suppost naghmel hekk."*

---

[1] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[2] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[3] Thomson Reuteurs, S-29
[4] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Il-Qorti tosserva li dan ir-reat sar fuq medda ta' hames xhur fejn l-imputat pogga taht il-mira tieghu l-akkwati tas-Swieqi, San Giljan u Pembroke ghall-agir kriminuz tieghu, b'tali mod li rrenda dawn il-vicinanzi residenzjali li fihom jghixu familji bhala mhux siguri u perikoluzi.

- L-imputat ilu jghix Malta ghall-perjodu ta' tlett snin, mizzeweg u bi familja gewwa l-pajjiz ta' origini tieghu l-Marokk. Madankollu wara li harab minn gewwa c-centru ta' ditenzjoni gewwa Hal-Safi, irrikorra ghall-kriminalita sabiex imanti hajtu. L-imputat stqarr ukoll li waqt certu serqiet kien jikkonsma d-droga. Fl-istqarrija tieghu l-imputat spjega li kien ibiegh l-oggetti misruqa lill-persuna Nigerjan. Madankollu, l-imputat qatt ma ta identifikazzjoni cara u li tista twassal ghal din il-persuna u sal-gurnata tal-llum din il-persuna ghadha mhix maghrufa jew investigata ghall-involviment taghha f'dawn ir-reati.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Il-Qorti tqis li l-kriminalita u serqiet li wettaq l-imputat f'zoni residenzjali ma kienx gustifkat u huwa agir deplorabbli iktar u iktar meta jigi meqjus li kien qed jidhol fir-residenzi private tan-nies matul il-lejl waqt li jkunu reqdin u l-iktar vunerabbli. Huwa car li l-imputat kien qed jidhol, jisraq u jifastidja nies ghar-ragunijiet kapriccjuzi minghajr ebda thassib fuq kemm tkun qed tidistabilizza l-hajja ta' l-istess nies li ghandhom kull dritt li jghixu gewwa darhom fis-serenita. Hadd ma ghandu jibza jghix go daru jew jibza mill-akwati residenzjali fejn ikun pogga l-gheruq tieghu u ta' familtu. Kull persuna ta' rieda tajba tkun qeda gustament tistenna li tghix fit-trankwilita u minghajr ebda biza li d-dar taghha ser tigi misruqa mill-oggetti personali tas-sid li ikun hadem ghalihom. Jirrizulta ukoll li dan l-agir waqaf grazzi ghas-success tal-pulizija li qabduh u b'hekk dawn il-lokalitajiet li soffrew xhur ta' dan l-agir setghu jergghu jirritornaw ghan-normalita. Il-Qorti ghalhekk tqis li tista taghti biss piena karceraja u li skont il-ligi ma tistax tinghata fil-minimu taghha u biz-zieda tal-gradi relattivi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 41, 209, 151, 160, 261(b)(c)(e)(f), 263, 266, 267, 269, 270, 278, 279(a)(b), 334(a)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Khaled Rami, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l- imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija effettiva ta' **hames (5) snin** li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-

imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar is-6 ta' Jannar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**